# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Diċembru 2023**

**Rikors Revoka Nru: 242/23JG**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru: 1511/2023 fl-ismijiet:**

**Graziella Bellizzi (K.I. 94484M)**

**vs**

**Pro Concept Limited (C39052) magħrufa wkoll bħala (Living Concepts) u Jeffrey Muscat f'ismu propju u bħala direttur tal-fuq imsemmija soċjetà (K.I. 582577M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-sekwestrati Pro Concept Limited (C39052) u Jeffrey Muscat datat 2 ta' Ottubru 2023[1] fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra intalab ir-revoka tal-mandat relattiv u kif ukoll il-ħlas ta' penali.

[1] A fol 1 tal-proċess.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors[2].

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2023[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2023[4].

Ra r-risposta tas-sekwestranti datata 14 ta' Novembru 2023[5].

Semgħet it-trattazzjoni finali waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru 2023[6].

**Ikkunsidra**

Illi din hija deċiżjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat.

Illi sa fejn setgħet tifhem il-Qorti (għaliex ir-rikors revoka sar kemm mis-soċjetà Pro Concept Limited u Jeffrey Muscat personalment) il-lanjanzi prinċipali huma aktar diretti lejn il-fatt li Jeffrey Muscat, bħala direttur tas-soċjetá sekwestrata, ġie wkoll milqut bil-mandat in kwistjoni fil-vesti personali tiegħu.

Illi bħala daħla qasira, huwa ben risaput li l-eżami li għandu jsir fil-proċedura hawn utilizzata huwa wieħed strinġenti u jitlob biss eżami *prima facie*. M'huwa

[2] A fol 8 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 11 tal-proċess.
[4] A fol 15 tal-proċess.
[5] Din tibda a fol 18 tal-proċess.
[6] Liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 40 tal-proċess.

mħolli qatt lil xi awtorità ġudikanti li fi proċedura bħal din tidħol fil-mertu tal-kwistjoni għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tirfes b'mod mhux għaqli fuq il-kwistjoni vera li tkun għada qiegħda tiġi dibattuta[7].

Illi din is-sitwazzjoni tal-lum hija differenti min meta tkun infetħet kawża, wara mandat kawtelatorju, kontra żewġ min-nies u wieħed jgħid li m'huwiex leġittimu kuntradditur bħala eċċezzjoni f'dik il-kawża. Hemmhekk iva, jkun hemm argument b'saħħtu li jwaqqaf li l-Qorti li tkun qiegħda titratta xi rikors revoka, li

[7] Fost diversi, issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>DOM Communications Ltd vs Office Group Limited</u>**, (Rik Nru: 1183/2014) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' April 2015 fejn intqal hekk: "*Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs Govè et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dantenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il- proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.* Similment kien ukoll ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **<u>Joseph Camilleri *et* vs Anthony Govè *et*,</u>** (Rik Nru: 286/2001) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Mejju 2001 u ċioé li: "*Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess jinghad ukoll li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna lezitu finali tal-kawza proprija. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bilprocedura premessa, ovvjament ghandha thalli filgudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)."*

hi stess tiddeċiedi pretensjoni bħal din fil-qafas ta' dak ir-rikors, għaliex dik il-kwistjoni jkollha neċessarjament tiġi mistħarrġa fil-mertu tal-kawża[8].

Illi madanakollu dan m'huwiex il-każ tal-lum. Mill-atti, jirrizulta ċar li l-kwistjoni **fil-mertu** ta' bejn il-partijiet ma hijiex fil-konfront tas-sekwestrat fil-vesti personali tiegħu. Dan jemerġi ċar kemm mill-fattura utilizzata, u li hija l-bażi tal-pretensjoni tas-sekwestranti. M'hijiex l-ewwel darba li f'sitwazzjonijiet simili dan l-argument ġie aċċettat[9]. B'hekk *pirma facie* (u frankament aktar minn hekk) jirriżulta lis-sekwestrat Jeffrey Muscat f'ismu propju m'għandu x'jaqsam xejn ma din il-kwistjoni.

Illi dan huwa mbagħad aktar msaħħaħ bil-fatt li skond il-verbal fil-kawża fil-mertu, **li nfetħet kontra s-soċjetá sekwestrata biss**, hemm addirittura verbal tal-avukat tas-sekwestranti li jgħid b'mod ċar[10] li fil-kawża ma qiegħed jiġi adebitat

---

[8] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismiijet **Western Company Limited vs Anthony Lia *et,*** *(*Rik Nru: 704/20) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2020 fejn ingħad hekk: *"Illi l-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat Anthony Lia huwiex jew le il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' Western mhijiex ħaġa li l-Qorti trid tqis fi proċedura bħal din. Aktar u aktar meta joħroġ li l-kawża li fetħet Western fetħitha kontrih ukoll, u dak il-fatt huwa biżżejjed għal din il-Qorti fl-eżami li trid tagħmel biex tistħarreġ is-siwi ta' talba għat-tħassir tal-Mandat. Hija l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża li se tkun f'qagħda mill-aħjar li tqis din il-kwestjoni fil-waqt xieraq u din il-Qorti ma għandha tagħmel jew tgħid xejn li bih id dik il-Qorti tista' tintrabat qabel ma hija tisma' u tqis xi provi għandhom xi jressqulha l-kontendenti f'dak ir-Rigward".* Issir referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech *noe* vs Dr. Patrick Spiteri *pro et noe,*** (Rik Nru 253/2017) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Mejju 2017 fejn ingħat hekk: *"Illi l-Qorti tibda biex tqis li fil-kawża miftuħa mill-eżekutant, l-eżekutat ukoll tħarrek fil-kwalita' tiegħu personali. Il-kwestjoni dwar jekk leżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalita' tqajmet f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u din il-Qorti għadha trid tiddeċidiha. Li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda turi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni. Dan ukoll huwa ta' xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa';"*

[9] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Magro vs Leonard Vella *pro et noe,*** (Rik Nru: 558/22) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Awwissu 2022.

[10] Il-verbal jgħid hekk: *"Dr. Pace għar-rikorrenti qed jikkonferma li l-claim hija kontra biss il-kumpanija u mhux personalment u billi ssemma s-sekwestru li hemm il-qorti, huwa ċar li dak l-aspett mhuwiex kompetenza ta' dan it-Tribunal iżda tal-qorti li akkordat is-sekwestru u l-intimat għandu rimedji tiegħu".*

l-ebda nuqqas fil-konfront ta' Jeffrey Muscat fil-vesti personali tiegħu. Fid-dawl ta' dan[11], ftit jista' qatt jinftiehem għala l-mandat allura inħareġ fil-konfront tiegħu ukoll. Din il-pożizzjoni ġiet ukoll ikkonfermata mis-sekwestranti f'dawn il-proċeduri meta fl-aħħar seduta ġie dikjarat hekk: *"Dr Joseph Pace ikkonferma li l-kawza nfethet biss kontra Pro Concept Limited"*[12].

Illi jitnissel b'hekk li dan il-mandat ma seta' qatt jiġi mitlub kontra Jeffrey Muscat personalment u li, ġaladarba l-kawża lanqas biss intefħet kontrih, allura llum il-mandat, fil-konfront tiegħu, għandu jitqies mejjet[13].

Illi b'hekk għal din il-Qorti it-talba għar-revoka tal-mandat fil-konfront ta' Jeffrey Muscat personalment għandha u qiegħda tiġi milqugħa.

**<u>Dwar il-ħlas ta' penali</u>**

Illi mill-ewwel jingħad li l-artikoli utilizzati mis-sekwestrati taħt din il-kappa huma **biss** l-artikolu 836(8)(b) u 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa dawn is-subartikoli (għad-differenza ta' oħrajn) jirrikjedu neċessarjament il-

---

[11] Fost diversi, il-Qorti tirreferi għal dak enunċjalt fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Valfracht Roro Line Limited vs KD Commercials Limited,</u>** (Ċit Nru: 462/01) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-2 ta' Marzu 2018 fejn ġie mfakkar hekk: *"Fir-rigward ta' dan l-aggravju, huwa opportun jiġi mfakkar li verbal magħmul minn parti u reġistrat mir-reġistratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-parti li tkun għamiltu – dan bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali li ma jistax jiġi newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet (Ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Marzu, 1987 dil-kawza fl-ismijiet Direttur ta' l-Agrikoltura v. Remigio Galea). Dan ifisser li "il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia." – u dan fuq il-bażi tal-massima in judiciis quasi contrahitur. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri tas-16 ta' Marzu 2005, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Farrugia v Grezzju Farrugia et.)"*

[12] Ara verbali tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2023.

[13] Issir referenza għal dak li ntqal fid-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Raymond Meli vs David Meli,</u>** (Rik Nru: 946/2007) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Frar 2008 u ċioé: *"Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-mandat jaqa' hekk kif jgħaddi dak iż-żmien"*.

prova *tal-mala fede* da parti ta' min ikun ħareġ il-mandat sabiex ikun hemm il-konsegwenza tal-penali. Din il-Qorti hija prekluża milli tinvestiga sub-artikoli oħra li setgħu jkunu t'aktar rilevanza jew faċilment attendibbli taħt dan l-aspett.

Illi mill-assjem tal-provi, għal din il-Qorti, għalkemm tirriżulta ċertu grad ta' negliġenza u non-kuranza, ma ġiex ippruvat il-*mala fede* rikjest sabiex ikun hemm lok ta' penali taħt l-artikoli utilizzati mis-sekwestrati[14]. Jerġa jingħad, din il-Qorti ma ġietx mitluba tinvestiga il-kundanna tal-penali taħt xi sub-artikolu ieħor.

Illi għalhekk ir-raba' talba ma timmertiax akkoljiment.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedie dan ir-rikors bis-segwenti mod:

1) Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba u dan peress li ma kienx hemm insistenza dwar din it-talba mis-sekwestrati.
2) Tilqa' t-tieni u t-tielet talba limitatament fil-konfront ta' Jeffrey Muscat u b'hekk tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1511/2023 fil-konfront ta' Jeffrey Muscat personalment.

[14] Dwar l-artikolu 836(8)(d) il-Qorti tagħmel referenza għal-paragrafi 50 u 51 tad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet (ukoll imsemmija mis-sekwestrati fir-rikors promotur) fl-ismijiet **Johan Huy vs Mark Attard**, (Rik Nru: 529/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Ġunju 2021.

3) Tiċħad ir-raba' talba.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-sekwestranti Graziella Bellizzi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur